MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2015

Numru. 227/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Daniel Grech**

**(ID 582485(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Daniel Grech, iben Joseph u Maria Rita nee` Spiteri, imwieled il-Pieta` nhar il-21 ta' Novembru 1985, residenti 105, Triq is-Sebh, Birzebbugia, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 582485(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-16 ta' Awwissu 2008 u fix-xhur ta' qabel:

1. Traffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, jbiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

2. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Fix-xhieda tieghu, **PC 1516 Vince Cutajar**[1] xehed illi huwa kien xoghol gewwa Gianpula fis-16 ta' Awwissu 2008, fejn kien qed jassisti lill-pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga u fost id-diversi tfittxijiet li ghamlu, ghamlu tfittxija wkoll lil certu Daniel Grech (ID 582485(M)), waqt li dan kien barra fil-*parking area,* mil-liema tfittxija elevaw erba' pilloli suspettati *ecstasy*. Ix-xhud ma ftakarx jekk l-imputat kienx wahdu jew akkumpanjat u lanqas minn fejn gew elevati dawn il-pilloli u lanqas seta' jaghraf lill-imputat odjern ghaliex il-kaz sehh fis-sena 2008 (fil-waqt illi din ix-xhieda nghatat fis-sena 2014). Ix-xhud qal illi huwa kien akkumpanjat minn PC 673.

Xehed ukoll **PC 673 Kevin Muscat**[2] li qal illi fil-jum in kwistjoni, huwa kien qieghed gewwa Gianpula ma' PC 1516 meta fil-*parking area* waqqfu lil certu Daniel Grech. Huwa spjega illi stante illi ghaddew sitt snin minn meta sehh il-kaz, huwa ma kienx qed jaghrfu bhala l-imputat, izda l-karta tal-identita` tal-persuna mwaqqfa ossia ta' dan Grech kienet 582485(M) u li dak il-hin huwa kien talab lil Grech jaghtih in-numru tal-karta tal-identita` tieghu. Qal ukoll illi vicin il-karozza jew fil-karozza kien sabulu xi ammont ta' pilloli suspettati *ecstasy*. Ix-xhud gie muri l-esebit (Dok. PG1) u qal illi dan kien jindika li kienu nstabu erba' pilloli *ecstasy*, li kienu fil-bieba tal-passiggier tal-karozza tal-marka Peugeot XXX 018. In kontro-ezami, mistoqsi jekk kienx cert li l-imputat odjern kienx l-istess persuna li giet imwaqqfa u taghtu l-karta tal-identita`, huwa qal illi wiccu ma kienx qed jaghrfu.

[1] A fol. 14 *et seq* tal-process.
[2] A fol. 20 *et seq* tal-process.

Xehed ukoll l-**Ispettur Pierre Grech**[3] li esebixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fis-17 ta' Awwissu 2008 u s-sustanza elevata, konsistenti f'erba' pilloli. Fir-rigward ta' dan l-esebit, id-difiza ddikjarat minghajr pregudizzju ghall-htija o meno tal-imputat, illi s-sustanza esebita kienet fil-fatt tikkonsisti f'erba' pilloli *ecstasy* u li ghaldaqstant ma kienx hemm il-htiega li jitqabbad espert sabiex janalizza dan id-dokument.[4]

Fl-istqarrija tieghu[5], wara li nghata s-solita twissija li kellu d-dritt li jibqa' sieket sakemm ma jkunx jixtieq jitkellem, izda dak li jghid jista' jingieb bhala prova, **l-imputat** jghid illi xi kultant jibla' naqra *ecstasy* f'xi party, li l-ewwel darba li ha *ecstasy* kien meta kellu sittax jew sbatax, li jiehu erba' jew hames pilloli *ecstasy* f'party wiehed, ikkonferma li fil-pussess tieghu fil-*party* ta' Gianpula, il-pulizija sabulu erba' pilloli *ecstasy*, li dawn kienu tieghu, li l-pulizija qabduh waqt li kien fil-karozza tieghu hekk x'hin mar biex ipoggihom fiha sabiex ma jgorrhomx kollha fuqu u li huwa kien xtrahom minn Gianpula flimkien ma' shabu Joey u Joseph minghand Malti li kien fl-istess party, wara li huma stess staqsewh jekk kellux *ecstasy*. B'kollox xtraw tlettax-il pillola u hallsu Eur 120 u li dan tahom wahda b'xejn. Kienet l-ewwel darba li rah u li xtraw minghandu. Qal illi meta mar jixtri l-*ecstasy* ghalih, gieli gab ukoll ghal shabu u li shabu jaghtuh il-flus tal-*ecstasy* li jgibilhom, minn qabel. Qal illi huwa xtara ghal shabu xi darba jew tnejn. Sussegwentement, mistoqsi jekk meta xtara l-*ecstasy* ghalih u ghal shabu, hadux id-droga dejjem flimkien, l-imputat wiegeb "*Dak kien snin ilu, mhux fl-ahhar snin. Imma dejjem hrigna flimkien u hadnihom f'xi party li konna mmorru. Kulhadd jiehu tieghu*".

Xehed **Joseph Grima**[6] li qal illi huwa kien inqabad flimkien mal-imputat u li dakinhar huwa kellu tliet pilloli *ecstasy*, li kien xtrahom minn gewwa l-*Gianpula* waqt il-*party*, minghand persuna li ma kienx jaf min hu. Qal li dwar dan il-kaz, huwa kien inghata liberazzjoni kundizzjonata ghal zmien sena. In kontro-ezami, huwa qal illi lill-imputat kien jafu u mistoqsi jekk kienx hemm drabi fejn

[3] A fol. 9 *et seq* tal-process.
[4] Ara l-verbal a fol. 24 tal-process.
[5] A fol. 11 *et seq* tal-process.
[6] A fol. 26 *et seq* tal-process.

hu u l-imputat kienu jiehdu d-droga flimkien, huwa qal illi kulhadd kien jiehu d-droga ghalih u li hadd m'ghandu x'jaqsam ma' hadd. Qal illi dakinhar fil-*party* kienu qed jiehdu d-droga flimkien u qal illi gieli hadu droga flimkien, anke drabi ohra. Mistoqsi minn fejn kienu jgibu d-droga, huwa qal illi kienu jixtruha minghand xi hadd u mistoqsi min kien jixtriha, huwa qal illi kulhadd kien jixtri tieghu.

Xehed ukoll **Joseph Vassallo**[7] li qal illi huwa kien inqabad fl-istess okkazzjoni mal-imputat, li huwa kellu erba' pilloli *ecstasy* u li kien inghata liberazzjoni kundizzjonata ghal zmien sena dwar dan il-kaz. Qal illi huwa kien xtara l-pilloli minghand wiehed fil-*party* stess u li huwa qatt ma ta flus lill-imputat biex jixtri ghalih. In kontro-ezami, mistoqsi x'tip ta' droga kien jiehu, huwa qal illi dik kienet l-ewwel darba u li d-droga kienet *ecstasy.* Mistoqsi kienx fil-presenza ta' haddiehor meta hadha, qal illi kien wahdu.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat jinsab akkuzat talli traffika l-pilloli *ecstasy* fis-16 ta' Awwissu 2008 u fix-xhur ta' qabel din id-data. Jirrizulta car mix-xhieda prodotta, illi l-prosekuzzjoni qeghda tibbaza din l-imputazzjoni esklussivament fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, ghaliex altrimenti ma tirrizulta l-ebda prova ohra f'dan ir-rigward.

Issa ghalkemm fis-seduta tat-30 ta' April 2014, id-difiza indirettament ghamlet referenza ghall-punt illi l-imputat ma kienx inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel ittiehdet l-istqarrija tieghu – l-istqarrija giet rilaxxjata fis-17 ta' Awwissu 2008 u ghalhekk qabel id-dhul fis-sehh tad-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju mill-pulizija fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviz Legali 35/2010 - il-Qorti tqis illi m'ghandhiex ghalfejn tidhol f'din il-kwistjoni dwar l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u dan ghaliex kemm jekk din il-Qorti

[7] A fol. 30 *et seq* tal-process.

tikkunsidra l-istqarrija, kif ukoll jekk tiskartaha, ma tistax hlief tasal ghall-istess konkluzjoni u cioe` illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-ewwel imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tal-imputat fil-grad rikjest mil-ligi. Il-Qorti tinnota illi anke d-difiza stess, fit-trattazzjoni finali taghha, strahet fuq dak li nghad mill-imputat fl-istqarrija tieghu u sostniet f'dan ir-rigward, illi l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata.

Il-Qorti tinnota illi ghalkemm fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi kien hemm xi okkazzjoni jew tnejn fejn huwa xtara l-pilloli *ecstasy* ghal shabu u li dawn kienu jaghtuh il-flus sabiex jixtrilhom l-istess pilloli minn qabel, l-imputat jghid ukoll illi dan sehh snin qabel u mhux fl-ahhar snin. Mill-banda l-ohra, l-imputazzjoni odjerna tirreferi specifikatament ghas-16 ta' Awwissu 2008 u x-xhur ta' qabel din id-data u ghalhekk la darba l-istqarrija tal-imputat ittiehdet fis-17 ta' Awwissu 2008, zgur illi ma jirrizultax illi x-xiri da parti tieghu tal-pilloli *ecstasy* ghal shabu sehh fil-parametri taz-zmien li ghalih tirreferi l-ewwel imputazzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra l-imputat ma tirrizultax ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, ossia dik tal-pussess illegali ossia semplici tal-pilloli *ecstasy*, imbaghad, l-azzjoni fir-rigward ta' din l-imputazzjoni hija preskrivibbli bi zmien hames snin ai termini tal-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta mill-atti illi fil-waqt illi din l-imputazzjoni tirreferi ghas-16 ta' Awwissu 2008 u x-xhur ta' qabel din id-data, fl-ewwel seduta mizmuma quddiem din il-Qorti fit-28 ta' Mejju 2013, u ghalhekk entro t-terminu ta' hames snin, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi ma kellux riferta tan-notifika tal-imputat.[8] Sussegwentement, l-imputat deher ghall-ewwel darba quddiem il-Qorti fid-9 ta' Ottubru 2013.[9] Fl-istadju finali tal-proceduri, fuq talba tal-Qorti, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li ma kellux l-ewwel riferta tan-

[8] A fol. 5 tal-process.
[9] A fol. 6 tal-process.

notifika tal-imputat.[10] Fl-assenza ta’ din ir-riferta, l-unika data li l-Qorti tista’ torbot fuqha ghal fini ta’ notifika hija d-data tas-seduta tad-9 ta’ Ottubru 2013, fejn bil-presenza tieghu, l-imputat kien qed jikkonferma tali notifika u ssottometta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. F’din id-data t-terminu tal-hames snin kien lahaq skada u ghaldaqstant, il-Qorti qed tqis din it-tieni imputazzjoni bhala preskritta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u qed tiddikjara t-tieni imputazzjoni bhala preskritta u ghaldaqstant qed tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

Tordna d-distruzzjoni tal-pilloli esebiti bhala Dokument PG1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

[10] A fol. 35 tal-process.

---------------------------------TMIEM---------------------------------